**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int.Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Mercieca)**
**-vs-**
**Carmel Bonnici iben Anthony u Rita xebba Xerri, imwieled ir-Rabat Għawdex, nhar is-27 ta' Mejju, 1962, residenti ġewwa Misraħ il-Fliegu, Blk H, Fl 8, Triq Malta, Għajnsielem u detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 26262G**

*Drogi Sommarji Numru: 16/2022*

Illum 14 ta' Lulju, 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Carmel Bonnici** u ċioè talli:

Ġewwa dawn il-Gżejjer nhar it-12 ta' Frar 2022 u anke matul ix-xhur ta' qabel:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kap 101 tal-liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xorta oħra awtorizzat li

jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

3. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna lill-akkużat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat it-talba tad-difiża magħmula nhar it-tlettax (13) ta' Lulju 2022, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-***Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija),*** Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Settembru, 2022,[2] fejn laqgħet it-talba msemmija u rriferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu.

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali maħruġa ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;[3]

Semgħet il-prosekuzzjoni tiddikjara li mill-provi prodotti l-ewwel imputazzjoni ma tirriżultax.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet tnejn u tlieta miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti dejjem osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għall-imputazzjonijiet numru tnejn u tlieta (2 u 3) li nġabu fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet numru tnejn u tlieta miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu, il-

[1] Fol.100

[2] Fol.144 et seq

[3] **Dok.MAM1** a fol.8

Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet numru tnejn u tlieta miġjuba fil-konfront tiegħu kif ammessi minnu.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti rat li din ma tirriżultax mill-atti u għaldaqstant qed tillibera l-imputat minnha.

**Piena**

Dwar il-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali netta tal-imputat u taċ-ċirkostanzi tal-każ, senjatament il-progress kbir li din il-Qorti kellha x-xorti tara b'għajnejha li għamel l-imputat fil-mori ta' dawn il-proċeduri. M'hemmx dubju li l-marda li nħakem minnha kienet raġuni primarja għaliex l-imputat beda jabbuża mis-sustanzi illeċiti.

Ma setax ma jingħatax piż konsiderevoli għar-rapport ta' Dr. Roberta Holland,[4] għal dak li xehed l-Uffiċċjal tal-Probation kif ukoll għal dak li ġie determinat mid-*Drug Offenders Rehabilitation Board* fejn il-Qorti ġiet infurmata illi *"l-klijent għamel progress kbir. .... il-Bord huwa sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni u għaldaqstant, l-istess bord qiegħed jikkunsidra l-każ bħala* ***magħluq b'suċċess****"*.[5]

**Margaret Debattista**, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Għawdex, tixhed li l-imputat ma għandu l-ebda proċedura pendenti fil-konfront tiegħu[6] u dan kif kontemplat bl-artikolu 8(6) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi ikun kontro-produttiv u miżura li timmina l-progress kollu li sar jekk Qorti timponi piena karċerarja fuq l-imputat li llum il-ġurnata ma jistax jitqies li hu ta' riskju jew periklu għas-soċjetà.

Konsegwentement fiċ-ċirkostanzi u ai termini tal-artikolu 8(7) tal-***Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)***, qed jiġi deċiż li din il-Qorti ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-rdni ta' Probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, l-imputat qed jinstab ħati.

---

[4] **Dok.RH** a fol.111 et seq

[5] Fol.155 u 157

[6] Fol.164

Inoltre a tenur tal-artikolu 8(8) tal-istess Att il-Qorti qed tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu ta' tliet snin mid-data ta' din is-sentenza sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i)(ii) tal-***Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi,*** Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-Regolamenti 4 u 9 tar-***Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi*** (G.N. 292/1939 kif emendata, L.S.101.02), issibu ħati tal-kumplament tal-imputazzjonijiet l-oħra, u a tenur tal-Artikolu 8(7) tal-***Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)***, u ai termini tal-Artikolu 7 tal-***Att dwar il-Probation***, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-ħati jitqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għall-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni.

Finalment tordna **d-distruzzjoni tad-droga** esibita,[7] hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandha tirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

[7] **Dok. GS1;** Referenza Esibiti B200. Fol.93